MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1891/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Central Hotels Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Premess illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet is-socjeta'

konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf, sitt mija u Lira Maltin u tlett centezmi (Lm1,601.03c0) ekwivalenti ghal-€3,729.40, dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephones numri 334084 u 334082;

Premess illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz ta’ telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra ndikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok. A;

Premess illi s-socjeta’ attrici sejhet diversi drabi lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti;

Premess illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta’ konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta’ attrici qieghda tannetti ma’ dan l-att Affidavit (Dok. B) ghall-iskop tal-istess artokli msemmija;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-Artikli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf, sitt mija u Lira Maltin u tlett centezmi (Lm1,601.03c0) ekwivalenti ghal-€3,729.40, dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephones numri 334084 u 334082, skond il-prospett esebit bhala Dok. A ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u l-Mandat ta’ Qbid ipprezentati kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni – kollha kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.
Rat in-**nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 13 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-ammont pretiz mhux dovut ghaliex dawn il-linji ma kienux tas-socjeta' esponenti originarjament izda meta akkwistat proprjeta' li eventwalment twaqqghet u regghet inbniet, kien intalab illi s-sets jitnehhew kif ukoll illi l-kontijiet jintbaghtu fl-indirizz registrat tas-socjeta', minkejja dawn il-kontijiet baqghu jintbaghtu f'indirizz antik u allura s-socjeta' esponenti ma kinitx taf illi kienu ghadhom qed jintbaghtu kontijiet u li s-socjeta' attrici kienet qed tippretendi illi qed jinghata servizz u dan meta ma kienx hemm ebda bini fil-post ghaliex il-lukanda kienet twaqqghet skond kif is-socjeta' esponenti kienet infurmat bil-miktub lis-socjeta' attrici;

2. Illi l-parti l-kbira ta' l-ammont pretiz mhix dovuta ghaliex tirreferi ghal servizzi illi fil-fatt qatt ma kienu baqghu jinghataw u dan johrog mill-fatt li fi Frar 1995 rapprezentant tas-socjeta' attrici fil-prezenza ta' rapprezentanti tas-socjeta' esponenti u tas-sidien precedenti tal-proprjeta' kien mar fuq il-post biex jitnehha l-apparat koncernat.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat li ma saru ebda noti ta' sottomissjonijiet;

**Talba**

Is-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta konvenuta s-somma ta' Lm1,601.03c0 ekwivalenti ghal-€3,729.40, dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephones numri 334084 u 334082 skond prospetti esebiti.

**Kontestazzjoni**

Is-socjeta konvenuta qed tikkontendi li dana l-ammont mhux dovut billi hija kienet tablet lis-socjeta attrici biex s-sets jitnehhew kif ukoll illi l-kontijiet jintbaghtu fl-indirizz

registrat tas-socjeta' konvenuta izda minkejja dana l-kontijiet baqghu jintbaghtu f'indirizz antik u allura s-socjeta' konvenuta ma kinitx taf illi kienu ghadhom qed jintbaghtu kontijiet ghal servizz li ma kienx qed jinghata fl-lukanda li kienet twaqqghet.

**Fatti**

Illi s-socjeta konvenuta kienet xtrat il-Capua Court Hotel minghand Fortel Services Limited biex twaqqahha u tibni lukanda ohra. Fit 18 ta' Frar 1995 Fortel Services Ltd infurmaw lill atturi li l-lukanda Capua Court Hotel m'ghadhiex taghhom u l-owners il-godda, cjoe il-konvenuti, xtaqu jzommu l-linji 334082 u 334084 (Ara Dok A fol 30). Fil 17 ta' Frar 1995 Alfred Magrin ghal Fortel Services, Paul Vella mis Sliema Exchange u Renato Cuschieri ghal AX Holdings kienu ltaqghu l-Hotel Capua biex jitnehha l-PMBX. L-atturi baqghu jibbiljaw lill-konvenuti ta' dawn iz-zewg linji izda billi l-konvenuti ma hallsux saret dina l-kawza.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrizulta mill-provi li l-konvenuti kienu talbu li jzommu z-zewg liniji tat-telefon in kwistjoni. Dana jirrizulta kemm mid-dokument a fol 54 kif ukoll mix-xhieda ta' Tonio Farrugia, Company Secretary mal-konvenuti, li kkonferma li kienu talbu biex jithallew iz-zewg numri tat-telefon fuq ic-central Hotels (fol 63).

Il-konvenuti qed jippretendi lil billi kien tnehha l-PMBX ghalihom il-linji ma baqghux jezistu; il-lukanda kienet twaqqghet u kienet biss building site; u li huma qatt ma rcevew kontijiet li juru li huma kienu qed jigu ccargjati ghal dawn il-linji. (ara xhieda ta' Tonio Farrugia a fol 106)

Paul Busutill ghal socjeta attrici xehed li meta tnehha l-PMBX huma ma kienux nehhew il-linji jew is-servizz li l-konvenuti talbu li jibqa fuq isimhom. Kull ma nehhew kienu l-extensions li kien hemm permezz tal PMBX. Is-

servizz ma kienx sospiz imma gie maqlub fuq il-kumpanija konvenuta.

Jirrizulta li minn 1995 il-konvenuti qatt ma talbu biex jinqatgha s-servizz u ma hemm ebda applikazzjoni f'dana s-sens. Tonio Farrugia mistoqsi jekk kellux xi applikazzjoni f'dana s-sens xehed li ma kellux.

Il-konvenuti jikkontendu li huma qatt ma rcevew kontijiet dwar dawn iz-zewg linji u ghalhekk hasbu li kienu tnehhew. Ghalkemm ma hemmx prova dwar fejn kienu qed jintbghatu l-kontijiet f'dana l-perjodu, il-konvenuti ma jistghux jippretendu li ma jigux iccargjata (almenu tar-renta) jekk huma talbu li jzommu dawn iz-zewg numri u qatt ma talbu li jitnehhew. Li tnehha kien il PMBX ta' l-extensions u mhux il-linji.

Jigi rilevata f'dan ir-rigward li anke meta l-atturi baqghtu zewg ittri ufficjali lis-socjeta konvenuta biex thallas dina baqghet ma hallsitx u lanqas ma jidher li hemm xi korrispondenza bil-miktub li huma kienu qed jikkontestaw l-ammont mitlub.

Ghalhekk il-konvenuti ghandhom ihallsu taz-zewg linji fuq indikati.

Kwantu ghall ammont li qed jintalab mill-atturi, Paul Busutill xehed li huma kien ccargjaw retention fee ta' LM 565 u l-ammonti l-ohra li qed jitolbu huma ghar-renta biss. Huma ccarcjaw ghal perjodu June 1995 sa December 1996 fuq in numru 334082 mentri minn June 1995 sa June 1998 fuq il-linji 334084. Issa skond David Buttigieg prodott mill-atturi jirrizulta li billi l-konvenuti baqghu ma hallsux il-kontijiet li kienu qed jintbghatulhom is-servizz kien inqatgha f'Ottubru 1997, ghalhekk is-socjeta attrici ma tistax ticcargja oltre dik id-data u mhux sa June 1998. Ghalhekk trid issir deduzzjoni ta' Lm 50.58 mill ammont mitlub ta' LM 1601.03. B'kollox il-konvenuti jridu jhallsu l-ammont ta' LM 1550.45 jew €3,611.58

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi;
Prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;
Tilqa t-talba attrici;
U tikkundanna lill-konvenuti jhallsuhom is-somma ta' €3,611.58 kif u ghar-raguni mitluba;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u bl-imghax meta data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------